# PRUDENZA



**EDWARD SCICLUNA** /Ministru għall-Finanzi



**Il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia huwa kundannabbli mingħajr ebda riserva; ġrajja traġika, riżultat ta' att kriminali goff, li dwaru kulħadd għandu, u jmissu, jitkellem bi prudenza, b'kawtela u b'attenzjoni kbira**

Qiegħed nikteb dan l-artiklu waqt li, bħal kulħadd, għadni taħt xokk qawwi wara dak li seħħ nhar it-Tnejn li għadda. Il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia huwa kundannabbli mingħajr ebda riserva.

Hija ġrajja traġika, riżultat ta' att kriminali goff, li dwaru kulħadd għandu, u jmissu, jitkellem bi prudenza. B'kawtela u b'attenzjoni kbira, biex għada pitgħada ma jkunx hemm lok għal dispjaċir għal dak li jkun ingħad qabel. Biex ma jkunx hemm riperkussjonijiet ħżiena. Aktar u aktar meta għajnejn il-barranin qegħdin fuqna.

F'għajnejn il-barranin aħna pajjiż wieħed. Poplu wieħed. Li jew inkunu stmati ħafna, jew inqas stmati jew addirittura ma nkunu stmati xejn. Huwa importanti bħala pajjiż li jifforma parti minn soċjetà globali, li nkunu kburin bl-istorja tagħna. Kburin b'dak li qegħdin nagħmlu. Kburin b'dak li qegħdin nilħqu. Kburin ukoll b'dak li qegħdin naspiraw li nkomplu nilħqu aktar 'l quddiem.

Fil-bidu ta' din il-ġimgħa ġejt lura minn Washington, fejn akkumpanjat mill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, Dr Mario Vella, attendejt għal avvenimenti dinjin tal-Fond Monitarju Internazzjonali u tal-Bank Dinji. Avvenimenti ta' importanza kbira li jlaqqgħuk personalment ma' awtoritajiet mid-dinja finanzjarja kollha. Magħhom taqsam l-esperjenzi tiegħek. Tkun f'pożizzjoni li tista' tikkompara l-affarijiet. Anke jekk qiegħed titkellem ma' pajjiżi ferm u ferm akbar minna.

Tħossok sodisfatt tisma' lil min jagħti importanza lil dak li tkun qed tgħid għax ikunu diġà vvalutaw dak li rnexxielna nagħmlu bħala pajjiż minkejja ċ-ċokon tiegħu u minkejja n-nuqqas ta' riżorsi. Tħossok sodisfatt tinnota li tkun qed tiġi mistoqsi dwar kif irnexxielna nagħmlu t-tali ħaġa jew l-oħra. Bħal donnhom ma jippretendux li naslu fejn wasalna. Li qlibna l-folja f'perjodu ta' żmien relattivament qasir.

Kien ta' sodisfazzjon tiltaqa' mal-Under Secretary tat-Teżor Amerikan u tisimgħu jesprimi l-opinjoni tajba tiegħu dwarna. Tiddiskuti miegħu kwistjonijiet oħrajn li qegħdin jolqtu r-reġjun tagħna u kwistjonijiet finanzjarji dwar banek li jikkondividu magħna. L-istess firrigward ta' laqgħat mal-Ministri għall-Finanzi tal-Lussemburgu, l-Irlanda, l-Italja u l-Ingilterra.

Delegazzjoni tal-Fond Monetarju Internazzjonali dalwaqt iżżur Malta u għalhekk kien importanti li tiltaqa' magħhom u titkellem b'mod miftuħ dwar il-baġit li għadna kemm ressaqna għas-sena 2018. Titkellem magħhom dwar fejn jinsab pajjiżna llum u fejn għandu f'moħħu li jasal.

L-istess fejn jirrigwarda laqgħat ma' delegazzjonijiet minn entitajiet internazzjonali magħrufa bħala Rating Agencies, u li se jkunu qegħdin jevalwaw lil Malta dwar is-sistema finanzjarja tagħna. Ikunu jridu jaraw li f'pajjiżna ma jkunx hawn affarijiet li jistgħu joħolqu instabilità.

Importanti li tkun preżenti f'Washington, li tisma' direttament, li titkellem wiċċ imb wiċċ u mhux toqgħod fuq dak li tisma' jew taqra. Nafu aktar minn biżżejjed li mhux dak kollu li tisma' u taqra jkun jirrifletti l-verità. Nafu li f'dak li nisimgħu u naqraw ikun hemm minn kollox. Ikun hemm verità. Ikun hemm partijiet veritieri u oħrajn le. Ikun hemm partijiet kompletament ivvintati u oħrajn sempliċiment diċeriji. Ikun hemm ukoll dawk li issa qegħdin ikunu referuti bħala *fake news*, aħbarijiet kompletament foloz.

Fl-isfond ta' dak li seħħ nhar it-Tnejn li għadda kulħadd għandu jifhem li r-reputazzjoni ta' pajjiżna tiġi qabel kollox u għalhekk huwa importanti li nfittxu l-verità. Huwa għalhekk li f'dan l-istadju, meta l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin, m'għandhomx ikunu ppuntati swaba' lejn xulxin. Attitudni bħal din tkun tirrifletti nuqqas ta' maturità li lill-pajjiż tagħmillu biss ħsara.

L-enerġija tagħna kollha għandha tkun immirata biex toħroġ il-verità dwar dan il-każ li xxokkja lil kulħadd. Li tinstab il-verità hu importanti għal kulħadd. Importanti għall-Gvern, importanti għall-Oppożizzjoni u finalment importanti għall-pajjiż.

Ebda Malti u Għawdxi m'għandu jikkonsidra x'jista' jiggwadanja huwa għaddetriment ta' ħaddieħor f'pajjiżna u jinjora l-ħsara li jista' jkun qed jagħmel lil pajjiżna ma' pajjiżi oħrajn.

Il-ġlieda kontra l-forzi negattivi, kontra l-forzi kriminali għandna niġġielduha bħala poplu magħqud, bħala poplu wieħed għax jekk finalment issir ħsara lill-pajjiż il-ħsara tkun qiegħda ssir lill-poplu kollu.

# Stima lejn il-kaċċaturi minn Joseph Muscat



Sur Editur,

Sa ftit snin ilu, il-kaċċaturi f'pajjiżna kienu jistgħu jisparaw fuq bosta speċi ta' tajr, li llum ħafna minnu hu tajr protett bil-liġi, bħalma hu t-tajr tal-priża u xi tajr ieħor. Dan l-eżerċizzju sar minħabba li dan it-tip ta' tajr naqas drastikament fin-numru. F'pajjiżna għad-daqs tiegħu, żgur li ma jiflaħx għall-ammonti enormi ta' kaċċaturi li hawn. Il-Bambin biss jaf kemm hawn armi fl-idejn, li ħafna minnhom dawn qegħdin għand nies li ma jħallsux il-liċenzja tal-kaċċa.

Jista' jkun u ma naħsibx li sejjer żbaljat, li dawk li qegħdin jisparaw fuq tajr protett huma nies li mhux talli ma jħallsux il-liċenzja tal-kaċċa, iżda wkoll anke lanqas l-arma li għandhom mhi reġistrata. Min jista' jgħid kemm armi hawn fil-pajjiż li mhumiex reġistrati mal-pulizija? La darba hawn dawn l-armi kollha fl-idejn li mhumiex reġistrati, kif kull darba li tinqatel tajra protetta jlaqqtuha l-kaċċaturi li qegħdin iħallsu l-liċenzja tal-kaċċa? Illum il-kaċċatur Malti u Għawdxi tgħallem u eduka ruħu kif għandu jipprattika d-delizzju tiegħu, bla ma jikser l-ebda liġi u mhux kull darba li tiġri xi irregolarità f'dan irrigward, il-kaċċaturi jiġu meqjusa bħala li huma xi nies kriminali.

X'aktarx dawk 'il ftit li qed jazzardaw billi jisparaw fuq dan it-tip ta' tajr, huma nies kattivi u ma neskludi xejn, jekk mhux ukoll ikunx hemm xi mottiv politiku finnofs.

Jista' jkun ukoll, li jkunu nies jieħdu pjaċir jaraw lil Joseph Muscat jissospendi l-kaċċa biex jidher ikrah il-Gvern Laburista mal-kaċċaturi. F'pajjiżna l-element ta' mibegħda lejn il-kaċċaturi tant kiber li kull meta tinstab tajra mejta jew feruta, dlonk iqumu l-irwiefen kollha kontra tagħhom. L-irwiefen tant ikunu kbar li timmaġinah li jkun qisu sar xi delitt makabru li qatt ma sar bħalu fil-gżejjer Maltin.

Għalkemm ma nistax ngħid b'ċertezza, x'aktar dak li spara fuq dik il-kuċċarda li nstabet f'bitħa ta' skola, kien xi ħadd li mhux liċenzjat. Irid ikun wisq miġnun biex kaċċatur liċenzjat imur ħdejn skola jispara fuq tajra protetta.

Il-kaċċaturi llum biex jipprattikaw id-delizzju tagħhom, imorru fil-kampanja u mhux ħdejn xi skola jew inkella fl-abitat. Dawk li qegħdin jippretendu li Joseph Muscat għandu jwaqqaf il-kaċċa għax jidrilhom li għandu jagħmel dak li jgħidu huma, b'xiber imnieħer se jibqgħu.

Għas-saħħa tal-argument, jekk jingħalaq l-istaġun tal-kaċċa, wara kollox, min jista' jagħti garanzija li mhux xorta waħda se jibqa' jkun hawn min dawk in-nies irresponsabbli li jisparaw fuq tajr protett?

Kemm hu diffiċli biex lill-Prim Ministru tippruvaw titfgħuh fl-ixkora, sinjuri li kull darba qegħdin taqilgħu pandemonju fuq ix-xejn? Minn dak li rajna minn mindu Joseph Muscat sar Prim Ministru, kulħadd jaf li dan il-persunaġġ, għandu stima kbira kemm lejn il-kaċċaturi kif ukoll lejn is-soċjetà inġenerali fil-pajjiż.

Il-GIMES,
iż-Żebbuġ, Għawdex